42005D0741

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

ta' 14 ta' Ottubru 2005

li taħtar Avukat Ġenerali għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(2005/741/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 kif ukoll l-Artikoli 5, 7 u 8 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

Wara r-riżenja tas-Sur *Francis JACOBS*, jeħtieġ li jiġi maħtur Avukat Ġenerali għall-bqija tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sinjura Eleanor SHARPSTON hija maħtura bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mid-data tal-ġurament tagħha sas-6 ta' Ottubru 2009.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 14 ta' Ottubru 2005.

Il-President
J. GRANT